# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tad-9 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 06 ta' Jannar 2025 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**09.01 Talba**

09.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**09.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

09.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**09.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 08**

09.03.01 Il-Kunsillier Galea semma korrezzjoni li hemm bżonn issir fuq minuta numru 08.10.04 fejn il-post propost għall-*un/loading bay* irid jiġi jaqra "fejn jispiċċa l-bini".

Fuq l-imsemmija *un/loading bay*, kien hemm diskussjoni fit-tul fejn is-Sindku spjegat li talbiet bħal dawn isiru minn sid il-ħanut u mhux minn residenti. Intant, minkejja li saret it-talba għall-*un/loading bay*, din ma ġietx milqugħa minn TM u minflok issuġġerew li jsir *timed parking* minflok. Kien hemm qbil li dan il-każ għandu jinżamm pendenti għaliex il-Kunsillier Galea ressaq din it-talba f'isem resident u qatt ma ġie diskuss xejn mal-ispiżerija. Is-Sindku qalet li ladarba se tkun qed issir talba f'isem l-ispiżerija, din għandha tkun infurmata.

09.03.02 Is-Sindku infurmat ukoll li l-*un/loading bay* ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju, se titla' iktar lejn Triq tas-Sejba u *cioè* fil-*parking bay* ta' qabilha, fejn se tiġi implimentata minn TM stess. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.03.03 Is-Sindku infurmat li rigward il-kiri tas-Sala tal-Iskola, hija kellha komunikazzjoni mal-Ministru sabiex possibilment jiġu mnaqqsa ċ-*charges* li l-Kunsill Lokali tagħna u l-Kunsilli kollha li jaqgħu taħt il-Kulleġġ San Benedittu, kif ukoll l-għaqdiet tar-raħal, qed jiġu mitluba jħallsu mill-Prinċipal tal-Kulleġġ. Il-Kunsillieri ddiskutew dwar dan.

09.03.04 Rigward minuta numru 08.05.06, is-Sindku infurmat li din ġiet emendata għaliex fuq Triq il-Qattara, kien diġà hemm qbil fil-laqgħa preċedenti sabiex nibagħtu lill-avukat tal-kunsill dwar il-każ, u fil-laqgħa li għaddiet kien hemm qbil li tinbgħat l-istess *email*, li kienet għadha ma ntbagħtitx mill-uffiċċju. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.03.05 Il-Minuti tal-laqgħa numru 08 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Galea ppropona u l-Kunsillier Ghigo issekonda.

**09.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

09.04.01 Is-Sindku infurmat li rigward ir-rapport tekniku għal Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali qalilna li ladarba l-ispiża ma teċċedix il-EUR 5K, nistgħu mmexxu b'*direct order*, peress li ma rċevejnix stimi minkejja t-talbiet pubbliċi li għamilna għalihom, u li fl-aħħar sibna kumpanija waħda biss li kkonfermatilna li tista' taqdina. Il-Kunsillieri qablu li filwaqt li se tintbgħat l-ordni lill-kumpanija sabiex jibda x-xogħol, se nitolbuhom laqgħa sabiex naraw li l-*issues* li l-Kunsill jaf bihom, ikun inklużi fl-imsemmi rapport.

09.04.02 Is-Sindku infurmat li wara sena, wara komunikazzjoni konġunta mit-tlett lokalitajiet L-Imqabba, Ħal Kirop u Ħal Safi, u anke wara laqgħa li kien kellha mal-Kummissarju tal-Pulizija kemm dwar il-*Community Police* kif ukoll dwar l-Għases fid-Distretti, ħadna l-aħbar li l-Imqabba flimkien ma' Ħal Kirkop u ma' Ħal Safi, se nerġgħu nibdew ninqdew mill-Għassa taż-Żurrieq u mhux iktar minn dik taż-Żejtun. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

09.04.03 Is-Sindku qalet li grazzi għall-Ministru Owen Bonnici li laqa' t-talba tagħha sabiex isir ir-restawr ta' numru ta' niċeċ fl-Imqabba, id-Direttorat tar-Restawr se jkun qed jirrestawra 4 niċeċ – fi Triq il-Parroċċa, fi Triq il-Karmnu, fi Triq San Bażilju u fi Triq il-Parroċċa k.m ma' Sqaq Buhar. Fuq tnejn minnhom diġà ntrama l-*iscaffolding* sabiex ikun jista' jibda x-xogħol ta' restawr. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.04.04 Is-Sindku tkellmet dwar il-manutenzjoni li saret fuq parti żgħira minn Triq tas-Sejba, wara l-korrispondenza li hi kienet bagħtet f'Novembru 2024 lill-Infrastruttura Malta. Hija aċċertat li l-imsemmija parti tat-triq m'għandhix x'taqsam mal-parti tal-istess triq li nbniet mill-ġdid sentejn ilu. Infatti minn IM infurmawha li ser ikunu qed jimmoniterjawha sabiex fl-eventwalità li din il-parti jew xi parti oħra terġa' tinżel, jieħdu azzjoni mmedjata, peress li m'hemmx il-*pillars* taħt bħalma hemm fil-parti li reġgħet inbniet. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.04.05 Is-Sindku semmiet li x-xogħol fi Triq Baskal Xuereb mexa u fadal biss li tinkesa it-triq bit-*tarmac*. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew fit-tul ir-rampa qasira u wisq wieqfa li saret biex ikun hemm aċċess minn Triq Baskal Xuereb għal ħdejn l-*istage* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, kif ukoll dwar id-*drains* li se jiġu jferrgħu minn Triq Baskal Xuereb għal Triq il-Konvoj bil-konsegwenza li se jkun hemm magħqad ta' ilma. Is-Sindku infurmat li hija tkellmet diversi drabi mal-Perit ta' IM dwar dawn, u li sfortunatament dejjem kienet qed tiġi nfurmata li minhabba d-*drains* ma jidhirx li hemm soluzzjoni. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandna niktbu lill-Perit ta' IM dwar dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet, kemm a fini ta' sigurtà kif ukoll għar-raġuni li rigward il-magħqad tal-ilma li se jinħoloq fil-*bypass*, il-Kunsill m'hu se jkun jista' jagħmel xejn dwaru.

09.04.06 Is-Sindku infurmat li kif semmiet anke f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill, ħajr anke lis-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia tal-għajnuna tiegħu, id-Dipartiment għax-xogħlijiet Pubbliċi se jkun qed jaħdem fuq xi bankini fir-raħal. Fosthom se ssir estensjoni ta' bankina fi Triq tas-Sejba biex eventwalment tkun tista' ssir ukoll *Zebra Crossing*, se jsiru mill-ġdid

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

il-bankini fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti inkluż l-*mounted roundabout*, kif ukoll ser titkompla parti mill-bankina fi Triq il-Friefet. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

09.04.07 Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa ma' TM u telgħet ukoll bord mat-*Traffic Management Committee* rigward il-venda tal-linja fi Triq Karmenu Ciantar. Hija spjegat li r-raġuni li TM dejjem tat biex il-venda tibqa' fejn hi, dejjem kienet minħabba *costings* ta' *fuel*, iżda hi qaltilhom li l-*costings* ta' ħajja ta' bniedem għandhom jiġu kkalkulati wkoll. Hija kompliet li wara snin li l-Kunsill ilu jikkomunika ma' TM dwar l-imsemmija venda, fl-aħħar aċċettaw li l-venda timxi minn Triq Karmenu Ciantar għal Triq il-Qrendi bil-*waiting time* ikun minn hemm. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

09.04.08 Rigward l-4 *CCTVs* li ġew installati fir-raħal fosthom fil-Pjazza tal-Knisja, is-Sindku infurmat li dawn saru wara *tender* li ħareġ ir-Reġjun Punent f'isem il-lokalitajiet interessati li jaqgħu taħtu. Hija kompliet li fil-passat, il-Kunsill kien iddeċieda li jsiru l-*cameras* fil-Pjazza minħabba t-trakkijiet, li iżda llum l-istorja nbidlet, u għalhekk irridu ninfurmaw lil-LESA x'se jkunu qed jimmoniterjaw eżatt. Il-Kunsillieri qablu li għandu jiġi nfurzat il-parkeġġ illegali u possibilment is-sewqan eċċessiv. Rigward il-*warning signs* tal-imsemmija *CCTVs*, se tintalb direzzjoni lil-*LESA* fejn l-aħjar li dawn għandhom jiġu nstallati. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

09.04.09 Is-Sindku talbet sabiex tiġi deċiża ġurnata sabiex nistiednu lill-Kumitat tal-Imqabba FC sabiex jingħataw it-tifikira tal-okkażjoni ta' meta ġiet organizzata l-logħba *football* f'Jum l-Imqabba 2024. Il-Kunsillieri qablu u ddeċidew fuq il-ġurnata.

09.04. Rigward attivitajiet, is-Sindku infurmat li se tkun qed torganizza *Afternoon Tea* għad-19 ta' Jannar 2025 u *Buffet* għal Frar 2025.

## 09.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

09.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa rigward id-dawl tat-triq fi Sqaq Nru 2 fi Triq Valletta. Is-Sindku spjegat li l-imsemmi dawl kien ġie nstallat a spejjeż ta' individwu u mhux mill-Korporazzjoni Enemalta għar-raġuni li għal ġo l-imsemmi Sqaq qatt ma kellhom pjan li jgħaddu dawl tat-triq ġdid. Bħala Kunsill qed niċċekkjaw kemm tiġih l-ispiża biex jgħaddu l-*cables* u jinbidlu żewġ lanterni sabiex eventwalment wara jkun jista' jitqabbad id-dawl mill-Enemalta. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.05.02 Il-Viċi Sindku staqsa dwar l-ixtabi neqsin minn Triq Valletta, fejn kien għadda xi informazzjoni lis-S.E. sabiex tiġi rrappurtata lill-Pulizija. Is-S.E. infurmatu li se tgħaddi r-rapport kif mitlub.

09.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar ir-*rubber* li kellu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill taħt il-*festa pole covers* madwar ir-*roundabout* fi Triq il-Konvoj. Is-S.E. infurmat li l-ħaddiema marru fuq il-post iżda ma setgħux jaħdmu minħabba l-periklu bit-traffiku għaddej. Il-Kunsillieri qablu li naraw jekk hux possibbli li l-istess uffiċċjal tal-LESA li jkun ħdejn l-iskola filgħodu, jintbgħat għal ftit ħin sabiex jassisti lill-ħaddiema biex jagħmlu l-imsemmi *rubber.*

09.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-funtana tal-Ġnien tal-Mentna li mhux qed tkun mixgħula. Is-S.E. infurmatu li dik kienet intfiet mill-Viċi Sindku biex ma ssirilhix ħsara, sakemm isir

ix-xogħol ta' manutenzjoni diġà ordnat u skedat biex isir f'Jannar 2025. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.05.05 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar l-arbli tad-dawl tal-*bypass*, li kellna nagħmlu talba sabiex jiġu enumerati. Is-S.E. infurmatu li hija bagħtet lill-Korporazzjoni Enemalta u weġbuha li l-każ ġie mgħoddi lis-Sezzjoni konċernata, iżda s'issa għad m'għandnix risposta. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.05.06 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar id-dawl tal-Ġnien Onġi Onġella li mhux qed ikun mixgħul. Is-S.E. infurmat li l-ħaddiema tal-Kunsill bidlu xi bozoz fil-ġnien li kienu maqtugħin u ssettjaw ukoll mill-ġdid it-*timer* li ma kienx qiegħed jaqra tajjeb. Il-Kunsillieri qablu li peress li l-ġnien xorta mhux jixgħel, se jerġa' jintbgħat wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill biex jiċċekkja d-dawl.

09.05.07 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk nistgħux inkellmu lill-*Malta Public Transport* dwar dewmien fir-rotot. Is-Sindku spjegat li bħalissa waħda mill-problemi li qed idumu ftit iktar mhux għax qed jinqabżu r-rotot iżda minħabba li peress li hemm fejn iċ-Ċimiterju tat-Torok magħluq, ir-rotot kellhom jitwalu biex jgħaddu b'mod alternattiv. Madanakollu meta jkun hemm każijiet bħal dawn, is-Sindku qalet li tajjeb li wieħed jirrapporta b'mod immedjat. Il-Kunsillier Galea xorta saħaq li bħala Kunsill għandna niktbu f'isem ir-residenti li jużaw it-trasport pubbliku. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.05.08 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar jekk is-Sur John Zammit kienx wieġeb lura għall-ittra li kien hemm qbil li tintbgħatlu sabiex jitlob apoloġija għall-aġir tiegħu speċjalment fil-konfront tas-Sindku, waqt attività ta' waħda mis-Soċjetajiet tal-Banda tar-raħal. Is-Sindku qalet li kien weġibha u li ma talab l-ebda skuża, anzi baqa jeħodha kontra tagħha. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.05.09 Il-Kunsillier Sciberras staqsa meta ser jiżżarma d-dawl dekorattiv tal-Milied filwaqt li ġibed l-attenzjoni dwar parti mitfijja mill-festun armat fi Triq Karmenu Ciantar. Is-Sindku u l-Viċi Sindku infurmaw li t-tiżjin ser jiżżarma propju l-Ħamis ta' din il-ġimgħa, filwaqt li rigward il-parti l-mitfija tal-festun il-Viċi Sindku informa li hu xegħel diversi drabi l-festun fejn kien qed jaqa' l-*MCB* minħabba l-maltemp li għamel. Huwa kompla li f'każ li hemm ħsara fil-*wiring*, dan jista' jitranġa minn Lawrence (ħaddiem tal-Kunsill), appena jinqala'. Id-diskussjoni kompliet fejn issemma li l-ilma seta' daħal minħabba *sealing* mhux tajjeb tal-*holders*. Is-S.E. infurmat li Lawrence ġibed l-attenzjoni li s-soluzzjoni mhix li l-festun jindar bis-*silicone* sena wara l-oħra, iżda sa mil-bidu nett, il-festun kellu jsir b'*water tight holders*. Il-Kunsillieri qablu li għandna nġibu stimi ta' dat-tip ta' *holders*.

09.05.10 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar lampa tat-triq bil-ħsara fi Triq Xandru Farrugia kif ukoll dwar dik ta' Triq iż-Żurrieq. Is-S.E. infurmat li ser tiċċekkja mal-kuntrattur dwar dik fi Triq Xandru Farrugia, filwaqt li se terġa' tibgħat lill-Enemalta dwar dik fi Triq iż-Żurrieq. Hanwhekk issemmiet lampa oħra bil-ħsara fi Triq iż-Żurrieq li ser tiġi rrappurtata wkoll. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

09.05.11 Il-Kunsillier Ghigo staqsa għaliex ilu ma jidher kennies fi Triq Ħal Kirkop. Is-Sindku spjegat li issa l-knis qed isir mill-ħaddiema tal-*Cleansing Department* fejn dawn għandhom skeda li jridu jimxu magħha, u li tkopri l-knis tar-raħal kollu f'ġimgħa. Minkejja dan is-Sindku qalet li fil-laqgħa li għandha fil-jiem li ġejjin dwar klawsola fl-*MoU* mal-istess dipartiment, ser tiġbed l-attenzjoni f'dan ir-rigward għaliex lanqas hi ma hi kuntenta bis-

servizz li qed jingħata. Fil-fatt kuljum qed tibgħat fuq diversi nuqqasijiet sabiex jiġu ndirizzati. Il-Kunsillier ħadu nota dwar dan.

09.05.12 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar ir-*road hump* fi Triq tas-Sejba li kien semma biex forsi titressaq iktar lejn il-ħruġ għal Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-S.E. infurmat li dik ġiet installata fejn kienet approvata TM. Madanakollu kien hemm qbil mil-Kunsillieri preżenti li għandna niktbu lil TM nistaqsuha jekk ir-*road hump* għandhix tibqa' fejn hi, ladarba ser tiġi nstallata iż-*zebra crossing* viċin tagħha fl-istess triq.

**09.06 Performance Appraisal tal-impjegati (amministrazzjoni)**

***Il-laqgħa ġiet temporanjament sospiża sabiex ġie diskuss il-performance appraisal tas-S.E.***

09.06.01 Is-Sindku infurmat li erġajna lura mis-sospensjoni tal-laqgħa, fejn spjegat li wara li ġie diskuss il-*Performance Appraisal* tas-S.E., il-maġġoranza tal-Kunsillieri qablu li l-persentaġġ li għandu jingħata lis-S.E. huwa kif propost mis-Sindku u *cioè* dak ta' 6%. Ir-raġuni hija li mis-sena l-oħra 'l hawn, minkejja li l-*performance* tas-S.E. tjiebet, għadha mhix dik mixtieqa, speċjalment fejn jidħlu *deadlines* u minħabba li mhux qed tiddelega biżżejjed fuq l-istaff. Il-Viċi Sindku kien l-unika li ma qabilx ma' dan għaliex fl-opinjoni tiegħu, persentaġġ baxx ifisser li tkun qed tikkastiga lill-impjegat. Is-Sindku kompliet li l-massimu ta' 10% huwa impossibbli li jingħata għar-raġuni li ħadd m'hu perfett.

***Intalbet sospenzjoni tal-Aġenda sabiex jigi diskuss item 10 għar-raġuni li l-Viċi Sindku ma jistax jibqa' preżenti fil-bqija tal-laqgħa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

**09.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

09.10.01 Il-Viċi Sindku ressaq suġġeriment biex sit speċifikat fi Triq tas-Sejba kantuniera ma' Triq il-Parroċċa, jsir ġnien pubbliku jekk mhuwhix privat. Il-Kunsillieri ddiskutew dan u kien hemm qbil li jekk ikun il-każ, il-Kunsill jista' jitlob id-devoluzzjoni tas-sit lill-Gvern, però bħalissa, il-Kunsill mhux f'qagħda finanzjarja li jżid iktar spejjeż minħabba *commitments* oħra li għandu, anke fuq ġonna pubbliċi oħra.

09.10.02 Il-Viċi Sindku ressaq talba sabiex jiġi nstallat *dog bin* mal-Kappella tad-Duluri għaliex xi wħud qed jarmu l-ħmieġ tal-klieb fil-ħamrija tal-ġnien tal-istess Kappella. Il-Kunsillieri ddiskutew dan u filwaqt li ma kienx hemm qbil li l-*bin* jeħel quddiem il-kappella, qablu li se jaraw fejn jista' jkun post alternattiv sabiex jeħel id-dog bin.

***Il-Viċi Sindku telaq mil-laqgħa fit-8:19pm.***

09.10.03 Il-Kunsillier Galea issuġġerixxa li jiżdied id-dawl tat-triq fi Triq Baskal Xuereb. Is-Sindku infurmat li diġà tkellimna ma' Nexos dwar l-installazzjoni ta' lampa ġdida fl-imsemmija triq u indikalna fejn possibilment tista' ssir. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

09.10.04 Il-Kunsillier Galea ressaq ilment dwar *trench* li kienet saret is-sena l-oħra fi Triq is-Sejba, viċin il-ħruġ minn Triq il-Parroċċa, li baqgħet mingħajr *reinstatement*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.10.05 Il-Kunsillier Galea semma li minkejja li hemm tabella li tindika l-ħinijiet li jipprojbixxu t-traffiku minn Triq Santa Marija minħabba l-Museum tas-Subien, ċertu xufiera xorta qed jgħaddu. Hu ssuġġerixxa li ninfurmaw lil-LESA dwar dan. Is-Sindku qaltlu li nistgħu

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

ninfurmawhom filwaqt li se tkellem ukoll lill-*Community Police* biex jibdew jittawlu ftit. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.10.06 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk hux possibbli li jsir *yellow line* fi Triq il-Franka fil-parti l-wiesgħa. Is-Sindku reġgħet spjegat li minkejja li t-triq diġà hija pubblika għax s-sid kellu jċediha biex seta' jibni, IM infurmatha li it-triq tiġi 100% pubblika meta tingħata t-*tarmac*. Għaldaqstant, qabel ma tinkesa t-triq, bħala waħda mit-toroq pjanati li jsiru minn IM fuq medda ta' tlett snin, ma jistgħux isiru l-ebda linji tat-traffiku. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.10.07 Il-Kunsillier Sciberras ressaq talba sabiex jiġi *flushed* id-drenaġġ ta' Sqaq Nru 3 fi Triq il-Parroċċa. Is-S.E. ħadet nota biex issir talba lill-*Waste Water Section* dwar dan. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

09.10.08 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment dwar żewġ trinek fi Triq Dun Ġeraldu Mangion li tħaffrilhom ir-*reinstatement* u li hemm bżonn jintefa' ftit *tarmac* kiesaħ fihom. Il-Kunsillieri qablu li għandna nibagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu dan.

**09.07 Aġġornament Restawr tal-Isptar il-Qadim**

09.09.01 Is-Sindku kkjarifikat li a fini ta' korrettezza u ta' Minuti, fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill sar żball għaliex reġa' ġie diskuss il-ġebel il-kbir, meta dan kienet diġà ttieħdet deċiżjoni fuqu fil-laqgħa ta' qabel, u allura ma setax jerġa' jiġi diskuss qabel 6 xhur oħra skond il-liġi. Madankollu, issa li reġa' ġie diskuss u kien hemm anke qbil li jiġi ċċekkjat mal-Perit tal-Kunsill jekk il-ġebel jistax jitpoġġa fil-Ġnien Onġi Onġella, hija infurmat li wara laqgħa li kellha mal-Perit dwar dan, huwa qalilha li d-diżinn tal-ġnien diġà huwa wisq mimli, apparti li hu tal-opinjoni li peress li dan se jkun *playing field*, dak it-tip ta' ġebel, mhux addattat għal ġo fih. Is-Sindku infurmat ukoll li fuq struzzjonijiet tal-*Health & Safety Officer*, il-ġebel huwa ta' periklu għall-ħaddiema li se jkunu qed jirrestawraw u jinħtieġ li jitneħħa minn fejn hu mill-aktar fis possibbli. Hija kompliet li minħabba l-kobor ta' dan il-ġebel, dan ma joqgħodx fil-ġardina tal-Isptar il-Qadim u allura ma jistax jitpoġġa temporanjament fiha. Il-Kunsilleri ġew ippreżentati kopja tal-pjanta tal-ġnien sabiex setgħu jifhm aħjar għalfejn il-Perit ta dak il-parir.

09.09.02 Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dawn il-ġebel u kien hemm qbil li ladarba dawn ma jistgħux jibqgħu fl-Isptar il-Qadim, m'humhix addattati għal ġo Ġnien Onġi Onġella, u m'għandnix post fejn nistgħu inżommuhom, dawn se jkollna niddisponu minnhom. Għaldaqstant, minflok niddisponu minnhom, kien hemm qbil li jekk hemm xi ħadd li jista' jagħmel użu minnhom, nistgħu nagħtuhom lilu. Waqt il-laqgħa stess sar komunikat ma' persuna li se tikkonferma li tista' ġġib il-makkinarju biex teħodhom u jekk ma jirnexxilhix tikkordina, il-kuntrattur AXD se jingħata l-ordni biex jiddisponi hu mill-ġebel.

09.09.03 Is-Sindku infurmat ukoll li mal-Perit tkellmet dwar kif jista' jiġi mqassam l-ispazju li hemm fl-Isptar il-Qadim, biex il-Kunsill ikun jista' jibda jopera minnu ladarba jiġi restawrat. Il-Perit għandu jaħdem fuq diżinn sabiex dan ikun jista' jiġi diskuss.

**09.08 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

09.09.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

**09.09 Korrispondenza u Ordnijiet ta' Xogħlijiet**

09.09.01 Stima mingħand il-Kuntrattur KOPTASIN biex isiru r-*road markings* kollha ta' Triq tas-Sejba li ammontat għal madwar EUR 5,800. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dwar dawn il-marki, u kien hemm qbil biex nitolbu stima oħra lill-KOPTASIN li tkun tinkludi, il-linja kontinwa tan-nofs, l-*istop signs*, il-5 *metre double yellow lines* tal-kantunieri u l-entraturi tal-għelieqi, kif ukoll il-linja ta' quddiem propjetà ta' persuna anzjana li kemm-il darba kellimna minħabba l-periklu bil-vetturi jsuqu għal fuq in-naħa tiegħu.

09.09.02 Korrispondenza mingħand resident dwar talba biex il-linji tat-triq fi Triq in-Nazzarenu kantuniera ma' Triq Mikiel Zammit jiqsaru ftit biex ikun hemm spazju għall-parkeġġ. Il-Kunsillieri qablu li l-indidwu għandu jintalab jibgħat ritratt li juri dan, filwaqt li l-Kunsillier Sciberras se jiċċirkula r-ritratti fejn kien talab biex il-ħaddiema jkejlu l-linji għax huma ħafna itwal minn 5 metri kemm tippermetti l-liġi.

09.09.03 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għall-2025, fejn fil-każ tagħna tammonta għal EUR 327,154.00. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

09.09.04 Tweġiba mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar dwar korrispondenza li kien hemm qbil li tintbgħat dwar PA/06291/24 - CM2291/24, fejn ġejna infurmati li l-applikazzjoni għadha mhix finalizzata. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**09.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/09**

09.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/09 ġiet approvata unanimament.

**09.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

09.12.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:32 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 03 ta' Frar 2025 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 03 ta' Frar 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |